MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru. 1034/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**DAREN SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Daren Sammut ta’ 36 sena, imwieled Pieta’ fit-13/03/1974, bin Carmelo u Maria Dolores nee’ Brincat, residenti Blk 12, Flat 7, Vjal De La Cruz, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ nru 186574M.

Gie akkuzat talli fid-09 t'Ottubru 2009 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi:

1. ghamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar il-Karti tal-Identita' (Kap 258), meta kien jaf li dan huwa falz.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu li tinsab a fol. 39 tal-Process u nnutat li l-imputat Daren Sammut m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Daren Sammut iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Daren Sammut bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu illi fil-passat l-imputat kellu problema ta' abbuz mid-droga li issa hareg minnha u ghall-fini li l-imputat ikun assistit sabiex jevita li jerga' jaqa' fil-vizzju tad-droga umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 14(2)(b) tal-Kap. 258 u l-artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Daren Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Daren Sammut taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imputat ikun assistit jevita li jerga' jaqa' fil-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Daren Sammut.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Daren Sammut kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Daren Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------